**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 15/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Micky Cutajar**

**<u>Illum 1 ta' Novembru, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Micky Cutajar** detenur tal-karta tal-identita Maltija **13479G**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta' Ottubru 2021 ghal habta ta' 11:30am u fil-hin ta' qabel, il-area magħrufa bhala Il-Wardija, limiti tal-Qala, Ghawdex u/jew fil-vičinanzi:

1. hadt jew provajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha bi ksur tar-Reg 4(1)(a) ta' LS 549.42;

2. kont fil-pussess jew kellek fil-kontroll tieghek jew zammejt kampjuni ta' ghasafar kemm hajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingharaf jew derivattivi ta' xi ghasfur li mhux inkluz fl-iskeda II jew fl-iskeda III cioe (7) ekri (siskin)

(Spinus Spinus), (3) Sponsuni (chaffinch) (Fringilla coelebs), (4) gojjini (linnests) (Linaria Cannabina) u (1) verdun (Greenfinch) (Carduelis chloris) li ma gewx mehuda jew akkwistati legalment fi stat membru jew ma gewx imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur tar-reg 4(1) (e) ta' LS 549.42;

3. kont fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' ghasfur jew ta' ghasfur li mhux tat-terrirotju Ewropew kemm haj jew mejjet jew parti minn kampjun, skont is-subregolament (1) mingħajr ma zammejt fil-pussess tieghek u gbal kall zmien li domt fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, certifikati, u kull dokument ichor li jipprovaw ghas-sodisfazzjoni tat-taqsima tarr-regolamentazzjoni għal gbasafar selvaggi, li dak il-kampjun ma giex akkwistat kontra d-disposizzjonijeit ta' dawn ir-regolamenti bi kesur ta' Reg 6(3) ta' LS 549.42

4. ikkacjajt jew pruvajt tikkacja, qbadt jew pruvajt tiehu xi ghasfur billi wzajt xi xbieki, inkluzi dawk maghrufa bhala ranja, sebieki ta' l-arja u kull tip ta' xibka wieqfa bi ksur ta' Reg 7(1) (e) ta' LS 549.42

5. ikkaccjajt jew provajt tikkacja tiehu hew tipprova tiebu b' kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mingbajr ma kellek fil-pussess tieghek licenza valida skont ma tkun tapplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall Ghasafar Selvaggi, u ma ssodisfajt l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra bi kesur ta' Reg 12(1) ta' LS 549.42 u bi ksur tat-tielet proviso ta' Reg 27(3) ta' LS 549.42

6. Izda wkoll bla hsara ghad-disposizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2) kull persuna li tikkacija jew tittanta li tikkacja, tiehu jew tittanta li tiehu ghasafar mingħajr licenza valida ghandha tehel il-pieni imnizzlin fis-subregolament (2)(b) a l-qorti ghandha wkoll tordna li l- persuna hatja ghandha tkun skewalifikata milli tottjeni licenzja taht dawn ir-regolamenti jew taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-ligijiet tal-Pulizija ghal ghomorha u meta dik il-licenzja tkun giet revokata b' mod permanenti skont is-subregolament (2) (b) jew il-Qorti tkun diga' ordnat li dik il-persuna giet skwalifikata milli takkwista licenzja ghal ghomorha, meta tinstab hatja, dik il- persuna ghandha tehel multa ta' mhux anqas minn sebat elef ewro (EUR 7,000) izda mbux izjed minn bmistax-il elf euro (EUR 15,000) u prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sena izda mhux izjed minn sentejn.

7. Uzajt ghasafar bhala tahrik u ghajjat li ma kinux imlibbsa curkett li jintuża darba li kien mahrug mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għal għasafar Selvaggi li ghandu l-kodici R16U u jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa curkett maghluq u jew bghula u jew ibridi bi ksur ta' kundizzjonijiet 20 tal-licenzja specjali ghar-ricerka fuq is-seba' speci tal-ghasafar tal-Ghana fil-harifa tal-2021 u regolament 12(k) tal-LN 394 tat-2021

8. akkuzat ukoll talli nsabt, fuq sit li ma giex registrat u approvat mill-Wild Birds regulation unit u li ma giess ipprezentat ma' l-aplikazzjoni għal din il-licenzja specjali bi ksur ta' kundizzjoni 11 tal-licenzja specjali ghall-insib ghall-għasafar tal-ghana hekk kif mitlub minn regolament 3(2) ta' LS 549.146 u bi lesur tat-tieni proviso ta' regolament 8(2) ta' LS 549.42."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-19 ta' April 2024, fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' EUR elfejn u hames mitt Ewro (€2500) u skwalifikatu milli jottjení liċenzja taht ir-regolamenti ta' LS 549.42 jew taħt it-Taqsima XV tal- Kodici tal-Liġijiet tal-pulizija għal ghomru.

Ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti* ai termini tar-regolamenti 4(1)(a) u 7(1) (c) tal-LS 549.42.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Micky Cutajar, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Mejju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **<u>THASSAR U TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dan billi minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament
- **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti:**

Fit-30 ta' Ottubru 2021, ghal habta ta' 11.30am il-Pulizija gew infurmati mill- ufficjali tal-CABS, John Burrows, Sheila Burrows u Craig Michael Resmond, li kien hemm persuna li setghat kienet qed tonsob illegalment fl-area maghrufa bhala 'tal-Wardija' limiti tal-Qala.

Il-Pulizija marru fuq il-post fejn sabu lill-akkuzat gewwa kamra fl-istess ghalqa. Fuq l-post sabu 5 ghasafar tal-ghana (inkluz 2 sponsuni, verdun, gojjin u ekru) li ma kienux irringjati u ghalhekk gew mitluqa fuq l-post stess fil-prezenza tieghu.

Illi kien hemm 15 il-ghasfur li kienu fil-gageg li gew mehuda l-ghassa tar-Rabat. Dawn kienu verdun, sponsuni, apparell, ekru li kienu irringjati. Kien hemm ukoll 3 gojjini, spunsun u 6 ekri li ma kienux irringjati. Instabu xibka u lasti li ttiehdu mill-Pulizija wkoll.

Kien hemm ghasafar minghajr crieket li gew rilaxxati, ohrajn li ttiehdu mir-rapprezentanti tad-WBRU, filwaqt li kien hemm ghasafar li gew ritornati lill-appellant;

F'dan l-istadju, geaa l-Ghassa tar-Rabat, l-appellant inghata d-drittijiet tieghu, fejn ha parir t'avukat u ma wegibix ghal mistoqsijiet li sarulu.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. Illi, umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-Ligi applikabbli, stante lill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-Liġi u ghalhekk ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant;

B. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-suspettat ma inghatax id-drittijiet tieghu fuq il-post u skont il-Ligi, izda inghata d-drittijiet tieghu tardivament wara li ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija;

C. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

**A. <u>L-Ewwel Aggravju - Evalwazzjoni u apprezzament żbaljat tal-provi kif ukoll limitazzjonijiet serji fl-investigazzjoni.</u>**

i. <u>Ma giex pruvat li l-akkuzat kien qed jonsob b'mod attiv</u>

<u>Fir-rigward tal-ewwel, ir-raba', l-hames, is-sitta, s-sebgha u t-tmien akkużi</u> li jirrelataw mal-kacca jew teħid t'għasafar protetti, minghajr licenzja, fuq sit mhux irregistrat, fost akkuzi ohra, fl-umli fehma tal-appellant, sar evalwazzjoni u apprezzament żbaljat tal-provi u dan għar-raġunijiet is-segwenti:

Illi fl-ewwel lok, fir-rigward ta' dawn l-akkuzi, il-kliem ewlenin ghar-rigward tal-ewwel aggravju huma id-definizzjonijiet li johorgu mill-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, **ossija xi jfissrer tikkacca, taqbad u tiehu.**

> *"**kaċċa**" u "**tikkaċċja**" tfisser tikkaċċja jew tuża arma tan-nar jew arma oħra ta' kull tip sabiex tikkaċċja;*

> *"**taqbad**" tfisser li tieħu;*

> *"**tieħu**" u "**teħid**" tfisser l-insib ta' għasafar selvaġġi, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;*

Kienet din l-attivita in relazzjoni mal-ghasafar misjuba li kellha lil hinn minn kull dubbju raġonevoli il-prosekuzzjoni tipprova.

Issir referenza għal każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carl Busuttil</u>** quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, Appell Nru: 26 / 2022, nhar it-12 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti qieset illi:

> *"Huwa vera li din l-Onorabbli Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-Ewwel Onorabbli Qorti b' mod facli, sakemm pero', tali apprezzament ma jkunx ' safe and satisfactory' . Il-mistoqsija hija semplici kien hemm active trapping iva jew le. Mhux bizzejjed li jkun hemm persuna li tidher fil-filmat jew xhud li rat persuna tigbor ghasfara u xbiek biex tinstab htija fl-appellant kif donna ikkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti. Biex wiehed jista' jghid li jkun hemm insib irid jipprova li jkun hemm tlett elementi:*
>
> *1. L-azzjoni pozittiva tal-bniedem;*
>
> *2. Mansab li jista' jaqbad l-ghasfur, ossijja li jkollu molol, lasti, spag u xbieki;*
>
> *3. L-ghasfara tal-ghana jew inkella bird-caller.*
>
> *Li tkun hdejn mansab mhux necessarjament li tkun qed tonsob kif t' ghallimna il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna fil-kaz **<u>il-Pulizija vs Matthew Degabriele</u>** (App Nru. 430/13DS). Il-fatt li persuna tinqabad fuq camera jew tigi osservata tperrec l-ghasafar u tigbor ix-xbieki bl ebda mod ma jfisser li tkun qed tonsob ghalhekk il-legislatur holoq artikoli ad hoc ghal min possibilment jghin jew ihajjar attivita' ta' tehid ta' ghasafar mhux skond ir-regolamenti. F' dan is-sens u fic-cirkostani li jidher li instab fihom l-appellant, kemm il-darba jigi accettat li hu hu, forsi seta' kien akkuzat taht lartikolu 27 ta' LS 549.42 u mhux se mai kif gie akkuzat."*

Fil-każ odjern, l-ebda mix-xhieda, kemm il-pulizija kif ukoll ir-rappreżentanti tal-CABS, ma setghu jikkonferma illi huma raw lill-akkuzat jonsob b'mod attiv:

**PC 781** fl-affidavit tieghu jghid is-segwenti:

*"Tal-CABS qaghdu jistennewna fit-triq u jiena u Pc 754 imxejna ghal-dan il- mansab, fejn kif wasalna sibna lil Micky Cutajar* ***gewwa d-dura*** *u kellu l-mansab armat."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant ma kienx gewwa dura imma kien <u>**gewwa kamra**</u> go din l-ghalqa, filwaqt illi l-istess PC 781, in kontro-ezami jikkonferma s-segwenti:

*Avukat Dr Damien Bigeni:* ***Ara taqbilx mieghi illi dak inhar kif wasaltu fuq il-post int u l-kuntistabbli Bugeja, <u>Micky ma sibtuhx jonsob jew jikkaccja?</u> Kien ghal affari tieghu go kamra.***

*Xhud:* ***Iva.***

*Avukat Dr Damien Bigeni: Iva.*

*Xhud:* ***Nikkonferma****.*

*Avukat Dr Damien Bigeni:* ***U kien fuq il-mobajl****.*

*Xhud:* ***Iva.***

*Avukat Dr Damien Bigeni: Ara taqbilx mieghi ukoll li* ***din il-kamra ma kienitx xi dura, kienet kamra normali, sahansitra ghamara hemm go fiha!***

*Xhud:* ***Iva iva,*** *kellu anke xi kcina u,*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Ha nurik xi ritratti mil-process.*

*Xhud: Iva.*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Ha nghamillek referenza ghal sett ritratti Dok "AB01" sa Dok "A807". M'hawnx foi numru!*

*Magistrat: Ara ftit ir-ritratti li hemm, immarkati xi haga imma le!*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Iva, `A801" sa "AB07" .*

*Magistrat: A B01" Ara ssibx dawk ir-ritratti tgharafx xi haga minnhom!*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Ara tikkonfermax li dik hija l-kamra fejn kien Micky.*

*Xhud:* ***Iva iva din hija l-kamra.***

*Avukat Dr Damien Bigeni: U ara tikkonfermax ukoll l-affarijiet, l-ghamara, anke jekk mhux sejjer zball sa fridge hemm! Jidru fir-ritratti hemmekk kienu dak inhar.*

*Xhud: II-kamra l-istess wahda!*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Sewwa.*

*Xhud: Iva. Nikkonferma jigifieri.*

Tant hu minn li l-appellant ma kienx qieghed jonsob jew jikkaccja ghasafar, l-istess PC781 jikkonferma li l-appellant dakinhar kien qalilhom li hu breeder, u tant hu minnu li xhin waslu sabuh fuq il-mobile u mhux jonsob:

*Avukat Dr Damien Bigeni: L-ahhar zewg mistoqsijiet k'joghogbok, Micky dak il- hin x'hin wasaltu intom fuq il-post, ara taqbilx mieghi illi huwa qallilkhom li huwa breeder, jibbridja l-ghasafar?*

*Xhud:* ***Iva iva qallilna li jibbridja l-ghasafar.***

*Avukat Dr Damien Bigeni: U insista li huwa breeder!*

*Xhud: Iva iva.*

*Avukat Dr Damien Bigeni: U ara taqbilx mieghi ukoll, jekk tiftakar dejjem li fil- kamra kien hemm affarijiet, mezzi li jintuzaw ghal-breeding ta l-ghasafar, jekk tiftakar?*

*Xhud: Dik ma niftakarx ezatt, imma qalilna li huwa breeder, bird breeder*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Jien xejn aktar.*

*Xhud:* ***U x'hin wasalna kien qieghed fuq il-mobajl jigifieri!***

*Avukat Dr Damien Bigeni:* ***Gol-kamra.***

*Xhud:* ***Gol-kamra.***

Illi di piu, **PC 754 Nicholas Bugeja,** liema Pulizija wkoll mar fuq is-sit in kwistjoni xehed is-segwenti:

*"Jien flimkien ma PC 781 morna fuq dan il- mansab u tal- CABS qaghdu jistennewna fit- triq hdejn il-karozza taghhom. Kif wasalna fuq dan il- mansab li kien armat morna fid- dura li go fija kien hemm Micky Cutajar."*

Illi ghalkemm PC 754 fl-affidavit tieghu qal li l-appellant kien qieghed gewwa "dura", mill-provi prodotti, kif ukoll mill-kontro-ezami tal-istess PC 754, <u>jirrizulta bic-car li</u>

din ma kinitx dura imma kamra, u li l-appellant ma kienx qieghed jonsob b'mod attiv dak il-hin.;

*Ix-xhud: Kien qiegħed go kamra go għalqa li kienu indikawina tal-Cabs.*

*Dr Damian Bigeni: Hekk hu. Imma* ***go kamra kien****, mhux go dura, kamra.*

*Ix-xhud: Nistgħu nghidulha kamra,* ***iva, nimmagina****.*

*Dr Damian Bigeni: Ħa nagħmillek riferenza għal sett ritratti; tihom daqqa t'għajna. Qed tagħrafha I-kamra in kwistjoni?*

*Ix-xhud:* ***II-kamra, iva, nagħrafha,*** *imma l-kontenut li kien hemm ġol-kamra ma nafx. Il-kamra imma, iva, din hi l-kamra.*

*Dr Damian Bigeni Il-kamra qed tagħrafha.*

*Ix-xhud: Iva, iva.*

*Dr Damian Bigeni: U ara taqbilx miegħi ukoll li xħin wasaltu intom Micky kien fuq il-mobile go din il-kamra.*

*Ix-xhud:* ***Kien fuq il-mobile żgur iva niftakar.***

*Dr Damian Bigeni: Inti ma' mın kont dakinhar li wasalt?*

*Ix-xhud: Kont xogħol ma' PC 781, Anthony.*

Illi di piu, ix-**<u>xhud PC 754,</u>** in kontro-ezami jikkonferma wkoll illi l-appellant infurmahom li hu breeder

> *Dr Damian Bigeni: Ara tiftakarx illi dakinhar xħin wasaltu fuq il-post u bdejtu tistaqsi lil* ***Micky Cutajar, hu mill-ewwel Infurmakom li huwa breeder, għandek amment****?*
>
> *Ix-xhud:Li huwa?*
>
> *Il-Qorti:Li huwa?*
>
> *Dr Damian Bigeni: Breeder, Jibbridja l-għasafar.*
>
> *Ix-xhud: Kien qalilna hekk, iva.*
>
> *Dr Damian Bigeni: Iva. Dak il-hin, dak il-ħin stess.*
>
> *Ix-xhud.* ***Mill-ewwel qalilna, iva.***

Illi l-appellant jirrileva illi l-affidavit ta' PS 820 Jonathan J. Vella ghandu jigi skartat kompletament fl-umli fehma tieghu u dan stante illi ikkonferma huwa stess in kontro-ezami illi ma kienx fuq is-sit in kwistjoni u dak kollu miktub minnu huwa dak li infurmawh bih il-kollegi tieghu. In oltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha kkunsidrat dan u ddikjarat illi *"din il-Qorti sejra tistrieh fuq ix-xhieda mogħtija minn PC754 u PC781 hekk kif ukoll ikkorraboratha mid-diversi ritratti li ġew eżebiti flimkien mal-affidavits rispettivi ta' dawn iż- żewġ uffiċjali."*

Ulterjorment, fix-Xhieda ta' **Craig Redmond,** rapprezentant tal-CABS, huwa jikkonferma li ma setghax jidentifika l-persuna li kien hemm gewwa "dura" liema

dura effettivament irrizulta li kienet kamra go ghalqa bl-ghamara, inkluz kcina, u li hu kull ma ra kien persuna miexi minn naha ghall-ohra tal-kamra:

> *"Witness: Sure On the 30th of October 2021 I was with my colleagues from CABS, John Barrows and Sheila Barrows in the Qala area of Gozo. We saw an unregistered trapping site where we could see bird and nets on the site, and somebody was inside the hide.* ***Although personally I couldn't see, I couldn't identify the person in the hide, I could just see that someone was moving around inside the hide****..."*

ii. <u>L-ghasafar maqbuda kienu ghasafar tal-breeding u mhux ghasafar selvaggi</u>

Illi kif diga gie sottomess, l-appellant mal-ewwel informa l-Pulizija li huwa kien breeder tal-ghasafar. Fuq il-kwistjoni ta' jekk l-ghasafar misjuba kienux ghasafar tal-breeding jew le, l-appellant umilment jirrileva li kien hemm qbil fix-xhieda mressqa illi l-ghasafar li gew imharrba kellhom diffikulta sabiex itiru u dan stante illi huma qatt ma kienu ghasafar selvaggi. Illi l-appellant jghamel ukoll referenza ghax-xhieda prodotta mid-difiza u cioe Cassie Sciberras Grech, rapprezentanta ta' WBRU, liema xhud ikkonfermat illi ghalkemm id-differenza bejn ghasfur salvagg u ghasfur li huwa *captive bread* jaf ikun jista jigi mgharuf mill-*behaviour* t'ghasfur, bhala rapprezentanti ta' WBRU huma jaraw biss ic-curkett u ma jghatux kaz jekk ghasfur jistghax ikun *captive bread* skont il-*behaviour* tieghu;

> *Avukat Dr Damien Bigeni: L-ahhar mistoqsija. Fizikament, qed nassumi jien, m'hemm l-ebda differenza bejn ghasfur salvagg u wiehed li jkun rizultat ta breeding, apparti c-curkett.*
>
> *Xhud: Apparti,* ***xi kultant tista tgharaf mill-behavior tahhom****.*
>
> *Avukat Dr Damien Bigeni: Ehe.*

*Xhud: Mhux f'kull kaz imma gieli jkun hemm kazijiet fejn tkun tista tinduna mil-ewwel hux mis-salvagg jew captive bread. Imbaghad ovvjament skond kienx mis-selvagg u kemm kien ilu gol-gagga per ezempju dak jaffettwa jew jekk just qbaddtux dak inhar stess, il-behavior Ikun ftit differenti.*

*Avukat Dr Damien Bigeni: U tiftakar kienx hemm xi behavior differenti f'dan il-kaz? Naf li ilu!*

*Xhud:* ***Ma niftakarx ghax ahna fil-verita naraw ic-curkett, ahna,***

*Avukat Dr Damien Bigeni: Sac-curkett taslu intom!*

*Xhud:* ***Sac-curkett naslu, hafna drabi.***

*Avukat Dr Damien Bigeni: X'hin ma tarawx curkett tassumu li dan fil-verita, salvagg.*

*Xhud: Iva.*

*Avukat Dr Damien Bigeni: Iva. Thank you.*

iii. Limitazzjonijiet serji fl-investigazzjoni

Illi fl-umli fehma tal-appellant, f'dan il-kaz kien hemm limitazzjonijiet u/jew nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni ghad-detriment tad-difiza. L-appellant irid ifakkar li dawn huma reati ta' natura sommarja u li ghandhom ikunu facilment investigati fi ftit tas-sieghat jekk ikun hemm il-volonta' tal-awtoritajiet li jistabilixxu l-fatti.

Illi ghal darba ohra ssir referenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Carl Busuttil** (App. Krim.26/2022) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera li kkunsidrast is-segwenti:

*'Oltre minn hekk din il-Qorti ma tistax ma tikritikax id-dewmien sabiex il-pulizija jibaghtu ghall-allegat imputat f' dawn it-tip ta' kazijiet. Il-fatt illi xhieda mportanti ma jigux imressqa sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti bhal per ezempju r-rapprezentata ta' Transport Malta sabiex jikkonferma jekk ir-registrazzjoni tal-vettura msemmija tajjatx lill-appellant u l-volontiera tal-CABS bl-ismijiet ta' Patricia u Chris. Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madankollu l-pulizija ghandhom ikunu preparati u mhux iserrhu principarjament fuq r-rapporti kompilati mill-CABS. Din il-Qorti tfakkar illi lprosekuzzjoni trid iggib il-quddiem l-ahjar prova u l-appellant m' hu obbligat iressaq lebda prova da parti tieghu'*

In-nuqqasijiet li jirriżultaw mill-atti processwali fl-umli fehma tad-difiza huma s-segwenti:

a. <u>NPS Report 10/Z/6329/2021 (Doc 1) </u>– Jidher li dan ir-rapport huwa fuq diversi persuni. Illi ghalkemm ir-rapport f'parti minnu jghamel referenza ghall-appellant, ikompli billi jirreferi ghal cirkostanzi vero simili li jirrelataw ma terzi, inkluz certu Ivan Borg. Illi fl-umli fehma tal-esponenti, il-fatt illi diversi rapporti tnizzlu f'rapport wiehed mill-Pulizija ma jiswa ghal xejn hlief illi johloq incertezzi u dubji fil-kaz imressaq mill-Pulizija;
b. Illi l-membri tal-CABS kollha ikkonfermaw illi huma raw vettura blue tal-ghamla Mitsubishi Pajero ipparkjata ma genb il-mansab, liema vettura kellha numru ta' registrazzjoni DAI 162. L-appellent umilment jirrilvea illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova tas-sid ta' din il-vettura kif attwalment lanqas ma gabet ebda prova tas-sid tal-ghalqa u l-kamra in kwistjoni;
c. Illi kif diga sottomess, il-Pulizija stess ikkonfermaw li l-appellant instab fil-kamra juza l-mobile tieghu u li hu mal-ewwel spjegalhom li huwa *breeder* mhux nassab.
d. Ulterjorment, il-Pulizija naqsu milli jgibu provi bejn il-konnessjoni tax-xbiek u l-lasti, ma din il-kamra. Fl-umli fehma tal- esponent, ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali illi x-xbiek u l-lasti misjuba fl-ghalqa kienu relatati mal-kamra li nstab fiha l-appellant;

e. Illi di piu, il-Pulziija lanqas m'ghamlu ebda referenza fix-xhieda taghhom ghal fejn ezatt fl-ghalqa sabu l-ghasafar tal-ghana li allegatament kienu tal-akkuzat u li kien qed juzahom ghal finijiet ta' nsib u kacca tal-ghasafar. Ma jirrizulta minn imkien jekk instabux mifruxin fejn l-ixbiek, jew ximkien iehor gewwa l-kamra inkluz fil-kamra. In fatti, fir-ritratti esebiti minn PC 754 mal-affidavit tieghu (Dok 2 sa Dok 11) jidher li l-gabjetti qed jinzammu f'idejn xi hadd u mhux f'xi post partikolari f'din l-ghalqa. In oltre, r-ritratti esebiti minn PC 781 mal-affidavit tieghu, u cioe Dok 5B sa 10B, il-gabjetti u l-ghasafar jidhru bic-car li mhumiex qedin fejn l-ixbiek, fuq il-mandab imma qedin impoggija fuq xi madum u fuq mejda;

L-appellant jemmen li fil-kaz tieghu l-investigazzjonijiet ma sarux bir-reqqa u bil-kawtela meħtieġa fi proceduri bhal dawn u allura fl-assjem tal-provi ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjest fil-kamp kriminali biex wiehed jista' jghid lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li huwa ikkaccja, ha jew ipprova jiehu jew nasab dawk l-ghasafar u b' hekk ihoss li kellu jiġi liberat mill-akkuzi numru wieħed, tlieta u sitta ukoll.

**B. It-Tieni Aggravju - Is-suspettat ma inghatax id-drittijiet tieghu fuq il-post, izda inghata d-drittijiet tieghu tardivament wara li ttiehed l-Ghassa tal-Pulizija;**

Illi qabel kollox teħtieġ tiġi eċċepita l-inamissibilita' ta' dak kollu allegatament dikjarat mir-rikorrent u riprodott **fl-affidavits tal-Pulizija kollha involuti f'dan il-kaz, ossia l-affidavit ta' PS 820 Jonathan J. Vella, fl-affidavit ta' PC 754 Nicholas Bugeja u l-affidavit ta' PC 781 Anthony Zammit**.

Illi l-affaidavits surreferiti huma komuni fl-aspett illi l-ufficjala kollha jaqblu li fuq il-post l-appellant ma inghata ebda drittijiet, inkluz id-dritt tal-avukat u d-dritt li jibqa' sieket, filwaqt illi dawn id-drittijiet, jew xi drittijiet, inghataw aktar tard meta l-akkuzat irraporta l-Ghassa tar-Rabat.

Huwa paċifiku fl-ordinament ġuridiku Malti lil persuna suspettata ta' reat kriminali tgawdi minn diversi drittijiet fil-Liġi. Fost dawn id-drittijiet fundamentali, qabel tiġi mitkelma mill-Pulizija, persuna għanda dritt tiġi mgħarrfa li tista' tikkonsulta ma' avukat, tista' tibqa siekta u li dak kollu li ser tgħid jista' jinġieb bi prova kontra tagħha l-Qorti. Id-direttiva tal-Ewropa 2013/48 tipprovdi illi dawn id-drittijiet japplikaw għall- reati bħall dawk mixli bihom ir-rikorrent, kwindi reati li għalihom tista' tkun imposta ċ-ċaħda tal-liberta' bħala sanzjoni. Preamboli 17 tad-Direttiva jipprovdi testwalment:

> *(17) F'xi Stati Membri ċerti reati minuri, b'mod partikolari reati minuri fir-rigward ta'regolamenti muniċipali ġenerali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux raġonevoli li l'awtoritajiet kompetenti jkunu meġħtieġa jiżguraw id-drittijiet kollha skont din id-Direttiva. Fejn il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi fir-rigward ta' reati minuri li ma tistax tkun imposta ċ-ċaħda tal-liberta' bħala sanzjoni, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għall-proċedimenti quddiem Qorti li jkollha ġurisdizzjoni f'materji kriminali.*

Preambola 21 tkompli tipprovdi :

> *(21) Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkużata, dik il-persuna għandha tiġi protetta millawtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa' siekta, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza espliċita' għas-sitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul l-interrogazzjoni mill-pulizija jew awtorita' oħra talinfurzar tal-liġi jew ġudizzjarja fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. Fejn,matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata ssir persuna suspettata jew akkużata, l-interrogazzjoni għandha tiġi sospiża minnufih. Madankollu, għandu jkun possibli li l-interrogazzjoni tikkompla jekk il-persuna kkonċernata tkun ġiet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ id-drittijiet stipulate f'din id-Direttiva.*

Illi l-użu ta' dikjarazzjoni awtoinkriminatorji fi-proċeduri kriminali, *multo magis* meta d-dikjarazzjoni tifforma l-qofol tal-każ tal-prosekuzzjoni, ġie dikjarat leziv

tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Fir-rigward jiġu ċitati żewġ kawżi tal-Qorti Kostituzzjonali;

**Il-Pulizija v. Mark Lombardi** (12 ta' April 2011):

*Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hem dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-Pulizija, sakemm ma jiġix pruvat li hemm reġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Id-dritt għal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eċċezzjoni. Izda anke jekk ikun hem raġunijiet impellanti għal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raġuni, dawn ir-restrizzjonijiet ukolll m'għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet tal-akkużat taħt l-Artikolu 6.*

*Dan id-dritt tal-akkużat ikun irrimedjabbilment preġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni magħmula meta ma jkunx assistiti minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu. Ir-raġuni tal-inistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt għall-asistenza legali fi stadju inizjali tal-investigazzjoni hija minħabba l-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu… kif ukoll biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun diffiċli li l-pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li għandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanċ. Il-Pulizija għandha ssib il-mezzi biex issolvi l-każijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai faċli ta' ammissjoni minn persuna investigate mingħajr l-assistenza ta' avukat.*

**Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri (**12 ta' Novembru 2012): *Fil-każ tal-lum ma hem l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero' l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax illiberta fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull preġudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni.*

Illi d-Direttiva Ewropea, l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u l-artikoli 355AUA U 366E tal-Kodiċi Kriminali, kienu –u għadhom- viċenti nhar id-data tal-akkuzi. Di piu, ma kien hemm ebda impediment jew raġunijiet impellenti sabiex dawn id-drittijiet ma jiġux amministrali lir-rikorrent waqt li kien qiegħed jiġi mitkellem minn **PC 754 Nicholas Bugeja u PC 781 Anthony Zammit**.

Għaldaqstant, huwa umilment sottomess illi l-kontenut tal-affidavits tal-Pulizija, sa fejn jikkonċerna dikjarazzjoni tar-rikorrent mingħajr id-drittijiet skond il-Liġi, għandhom jiġu skartati;

**B. <u>It-Tielet aggravju- Piena Erogata</u>**

Permezz ta' dan l-aggravju u minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra l-appellant umilment jixtieq jissottometti is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

L-imputat f'dan il-każ ingħata piena mill-Ewwel Onorabbli Qorti ta' multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (Eur. 2,500), kif ukoll u skwalifikatu milli jottjení liċenzja taht ir-regolamenti ta' LS 549.42 jew taħt it-Taqsima XV tal- Kodiċi tal-Liġijiet tal-pulizija **<u>għal ghomru.</u>**

Il-piena applikata mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-kaz kienet dik li tinsab fl-artikolu 27 (3) tal- L.S. 549.42 li jaqra testwalment dan li gej:

*(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivament tista' teħel:*

*(a)* ***meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minnelfejn u ħames mitt euro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti;***

*(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multata' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjedminn ħamest elef euro (€5,000), jew priġunerija għalżmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multau priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-corpusdelicti:*

*Iżda l-Qorti tista, fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti ordni ta' servizz fil-komunità lill-ħati skont l-Att dwar il-Probation:*

*Iżda wkoll l-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħtit-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin:*

*Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tielet proviso tas-subregolament (2), kull persuna li tikkaċċja jew tittanta li tikkaċċja jew tieħu jew tittanta li tieħu għasafar mingħajr liċenzja valida għandha teħel il-pieni imniżżlin fis-subregolament (2)(b) u* ***l-Qorti għandha ukoll tordna li l-persuna ħatja għandha tkun skwalifikata milli tikseb liċenzja jew permess rilevanti taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal għomorha,*** *u meta dik il-liċenzja tkun ġiet revokata b'mod permanenti skont is-subregolament (2)(b) jew il-Qorti tkun diġà ordnat li dik il-persuna ġiet skwalifikata milli tikseb liċenzja jew permess rilevanti għal għomorha, meta tinstab ħatja, dik il-persuna għandha teħel multa ta' mhux anqas minn sebat elef euro(€7,000) iżda mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000) u priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn.*

Dunque, fil-kaz odjern, il-Pulizija ma prezentatx il-fedina penali tal-imputat jew kwalunkwe prova ohra li tista turi li dan ma kienx l-ewwel kaz tal-appellant, ghaldaqtsant gie meqjus mill-Qorti li l-akkuzat instab hati ghall-ewwel darba.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet il-multa fil-massimu ta' elfejn u hames mitt Ewro, ghal persuna li nstab hati ghall-ewwel darba. Illi di piu, minghajr dubbju fil-kaz odjern fejn gie pruvat illi l-appellant ma kellu ebda licenzja that L.S. 549.42 jew kwalunkwe ligi ohra applikabbli, il-Qorti hija kostretta li tinponi b' mod tassattiv l-iskwalifika tal-persuna hatja milli tikseb licenzja ghal ghomorha. Dan ifisser li wiehed qatt ma jista' jkollu tali licenzja anki jekk ikun zbalja darba.

L-ghasafar allegatament misjuba fil-pussess tal-appellant ossija xi ghasafsar li mhux inkluzi fl-iskeda II jew fl-iskeda III cioe (7) eleri (siskin) (Spinus Spinus), (3) Sponsuni (chaffinch) (Fringilla coelebs), (4) gojjini (linnests) (Linaria Cannabina) u (1) verdun (Greenfinch) (Carduelis chloris) li ma gewx mebuda jew akkwistati legalment fi stat membru jew ma gewx imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur tar-reg 4(1) (e) ta' LS 549.42, huma kollha ghasafar li ma jinstabux fuq il-lista l-hamra li thasseb u tinkwieta ir-

ricerkaturi u il-konservazzjonisti dinijn infatti din il-Qorti tista' tiehu *judicial note* ta' dan il-fatt[1].

Fuq dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali f' kaz recenti, **Il-Pulizija vs Miguel Zammit** (App. Nru. 398/2022/1) deciz fis-27 ta' Marzu 2023 per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri, kienet ikkummentat bil-mod segwenti:

*Fl-analiżi tagħha, din il-Qorti trid tikkunsidra dak li jgħid wieħed mill-proviso taħt ir-Regolament 27(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, waqt li tkun qed tikkonsidra s-serjeta' tar-reat, il-Qorti tista' tikkunsidra, fost l-oħrajn, dan li ġej:*

*(a) l-impatt li dak ir-reat għandu fuq l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi milquta;*

*(b) l-istatus ta' protezzjoni legali jew amministrattiv tażżona fejn ikun seħħ ir-reat;*

*(ċ) il-ħsara possibbli li tista' ssir lill-bilanċ ekoloġiku tażżona fejn ikun seħħ ir-reat; 398/2022/1 NC 10*

*(d) l-impatt ta' dak ir-reat fuq il-pubbliku ġenerali minħabba fil-post, ħin, speċi involuta jew kwalunkwe ħaġa oħra simili involuta fir-reat;*

*(e) il-valur intrinsiku tal-flora u l-fawna selvaġġa;*

*(f) il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi tal-flora u l-fawna selvaġġa;*

*(g) l-interess pubbliku; u*

*(h) il-valur potenzjali tal-qligħ illegali."*

*Illi mid-depożizzjoni (a fol. 134 et seq.) mogħtija minn Stanley Gatt fit-23 ta' Novembru 2021 kif ukoll minn The IUCN Red List Of Threatened Species (Dok. "SGX" – a fol. 136 et seq.) jidher li l-fjamingi huma kategorizzati bħala least concern. Għalhekk fil-fehma talQorti l-impatt tar-reati fuq l-ispeċi milquta huwa wieħed baxx. Tenut kont ukoll li dawn l-għasafar huma għasafar migratorji huma għandhom impatt baxx fuq il-bilanċ ekoloġiku fuq iż-żona fejn ikun seħħ ir-reat.*

---

[1] IUCN Red List of Threatened Species accessata f'Mejju 2024 huma immarkati bhala '**least concern**'
< https://www.iucnredlist.org/species/22720354/111126041>
< https://www.iucnredlist.org/species/22720030/155432370>
< https://www.iucnredlist.org/species/22720441/132139778>
< https://www.iucnredlist.org/species/22720330/132000123>

F'każ ricenti, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Jonathan Sammut** (App. Nru. 495/2017) deciza fis-17 ta' Jannar 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera, il-Qorti qalet:

> *'Pero' dwar l-ordni ta skwalifika tal-licenjza tal-kacca ghal-ghomor tal-appellant, din il-Qorti issibha li hija piena esagerata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u ghalhekk thoss li ghanda tirriduci it-termini moghti f'dan ir-rigward'.*

Aktar ricentement din il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **The Police vs Igaale Muuse Ali** (App. No. 518/2021/1) datat 21 ta' Marzu 2023 per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri intqal u saret refereza kostituzzjonali minhabba il-piena esagerata li hemm fid-disposizzjoni relattiva ghal kaz kif ukoll minhabba li l-gudikant ma ghandux alternattiva ghal dik il-piena ristrettissima kemm-il darba isib htija**:**

> *'That as for the second count for a constitutional reference the appellant brings forward the argument that since the law, namely Regulation 3 of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of Malta does not allow the Court any discretion with regards to the penalty to be meted out and provides for a "blanket pre-set fixed punishment" it creates a situation where an offender could end up losing much more money than that actually carried in excess of that allowed by law. Furthermore, even though the relevant law was remodelled following judgments of the Constitutional Court, the fact that this now provides for a fixed punishment still translates into an arbitrary, manifestly excessive and disproportionate punishment........*

> *........That after having examined the above-mentioned Regulation together with Article 37 of the Constitution of Malta and Article 1 of Protocol 1 of the European Convention on Human Rights, this Court considers appellant's second request for a constitutional reference not to be frivilous or vexatious and that it merits to be referred to the First Hall Civil Court in its Constitutional competence in terms of Article 46(3) of the Constitution of Malta and Article 4 of Chapter 319 of the Laws of Malta. Therefore, this Court refers the following question to the First Hall Civil Court in its constitutional competence, that is: Whether appellant has sustained a violation under Article 1 of Protocol 1 of the European Convention on Human Rights and Article 37 of the Constitution of Malta due to an alleged disproportionality of punishment, legal arbitrariness and lack of judicial discretion as a result of Regulation 3(5)(b) of Subsidiary Legislation 233.07 of the Laws of*

*Malta (Cash Control Regulations) which provides for a fixed pecuniary penalty for breach of the said Regulation.'*

L-appellant fl-ewwel parti ta' dan l-aggravju ihoss u jitlob li anki fil-kaz tieghu din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrimanda l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) halli jigi evalwat jekk id-disosizzjoni hawn fuq citata, ossija l-artikolu 27 (2) tal-Proviso (a) tal- L.S. 549.42 hux lesiv ghad-drittijiet tieghu taht artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

B' mod sussidjarju, jekk din l-Onorabbli Qorti ma tħossx li ghandu jkun hemm referenza kostituzzjonali u minghajr preġudizzju ghal-aggravji l-ohra jhoss li ghandu jkun hemm temperament fil-multa u l-iskwalifikazzjoni permanenti relattiva imposta. L-esponenti umilment jissottometti li l-piena inflitta ta' **Ewro 2,500** hija waħda eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ. Kollox irid jigi evalwat fil-perspettiva tieghu. Anki il-piena ta' **skwalifika permananeti milli persuna totjeni licenzja** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hija wahda esagerata u ghalhekk wiehed kellu jimmerita li jinżel taht il-minimu jekk dak kollu sottomess jiġi skartat.

Semghet l-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-28 ta' Awwissu 2024.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-appellant jistqar li l-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Dwar dan l-aggravju din il-qorti fil-vesti taghha ta' qorti ta' appell tistqarr is-segwenti.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-

sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] intqal:-

> ***kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni***

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; IlPulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; IlPulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk ilverdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju IrRepubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

***valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.***

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha'[3].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-**Law of Evidence.**

L-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. 4 Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,6 li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**[5], Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown**[6] jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal sikurezzagħall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

[5] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti

tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination"*

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.Illi sabeix din il-qorti taghmel dan l-esercizzju u cioe li tara li is-entenza moghtija mill-ewwel qorti kienet wahda *safe and satisfactory* jehtieg li din il-qorti tesamina bir-reqqa il-provi kollha prodotti fl-atti u dan anke qabel ma titratta l-ecezzjoni dwar jekk l-ufficcjalital-pulizija kisrux id-drittijiet fundamntali tal-appellant fl-investigazzjoni odjerna.

**<u>Ikkunsidrat</u>**.

Illi fis-seduta tas-16 ta' April 2022 l-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **PS 820 Jonathon J Vella[7].** Dan spjega li nhar it-20 ta' Ottubru, 2021 gie infurmat minn PC 781 u PC 754 ghall-habta tal-11.30 a.m li huma kienu gew infurmati mill-CABS li kien hemm persuna tonsob illegalment fl-area maghrufa bhala tal-Wardija limiti tal-Qala. Marru immedjatament fuq il-post fejn sabu lil certu Micky Cutajar jonsob fl-area indikata. Meta waslu fuqu immedjatament dan qalilhom li ma ghandux permessi. Fuq il-post sabu hames ghasafar ta' l-Ghana bhal *decoys* li kienu zewg Sponsuni, Verdun Gojjin u Ekru li ma kienux irringjati u ghalhekk gew mitluqa fuq il-post fil-presenza tieghu. Hmistax-il ghasfur li kienu fil-gaggeg gew mehuda l-ghassa. Dawn kienu Verduni, Sponsuni, Apparrell, Ekru li kienu irringjati. Kien hemm ukoll tlett Gojjini, Sponsun u sitt Ekri li ma kienux iringjati. Ix-xibka u l-lasti ttiehdu l-ghassa **ukoll.** Spjega li l-ufficcjali tal -CABS kienu John Burrows, Sheila Burrows u Craig Michael Redmond.

L-Ghassa tar-Rabat kienu marru Cassia Grech u Karl Cauchi mill WMRU sabiex jaraw x'ser jaghmlu bl-ghasafar. Iddecidew li l-ghasafar bla curkett jigu *released* filwaqt li l-Verdun li kellu curkett marhug mill-WBRU jinghata lura lis-sid fejn iffirma ricevuta. L-erbgha ghasafar ta' l-ghana li kienu b'curkett maghluq ittiehdu mill-membri tal-WBRU wara li iffirmaw ricevuta. Micky inghata ricevuta ta' l-ghasafar li ittiehdu mill-pulizija tax-xbieki u ta' l-erba' lasti. Wara li gie moghti d-dritt ta' l-avukat kif ukoll infurmat bid-drittijiet l-ohra fosthom id-dritt li ma iwegibx u d-dritt tas-silenzju u infurmat li dak li ser jinghad jista' jingieb bhala prova. Wara li kkonsulta ma Dr Damian Bigeni hu ghazel li ma iwegibx.

Ix-xhud xehed in kontro esami nhar il-21 ta' Gunju, 2023 u kkonferma li ma kienx mar *on site* fejn sehh l allegat incident. Kien baqa' l-ghassa izda kien baghat lill-0pulizija jinvestigaw. Huwa kemm irraporta dak li gie rapportat lilu. Anke dwar dak li stqar li instab fuq illok qalu skond ma intqal lilu. Mistqosi jekk jiftakarx li kien hemm live *decoys* involuti jghid li ma jistax jghid ghax fuq il-post ma marx Spjega li pero l-ghasssa

---

[7] Fol. 39 tal-atti.

l-pulizija hadu hmistax-il ghasfur fil-presenza ta Mickey Cutajar. Dawn kienu Verdun, zewg Sponsuni u sitt Ekri li ma kienux irringjati. Ix-xibka u l-lasti ma ingabux l-ghassa. Ikkonferma ghal darb ohra li l-ufficcjali tal- WMBRU u cioe Cassie Grech u Karl Cauchi kienu marru l-ghassa biex jaraw l-ghasafaru iddecidew li l-ghasafar li kienu bla curkett jigu *released*.Kien hemm Verdun li kellu curkett li kien gie moghti lura lis-sid. Mistoqsi jekk meta gew rila;xxjati id-decoyrs telqux kollha jghid li ma jiftakarx. Ma jiftakarx li Mickey Cutajar qallu li huwa breeder professjonali u kieku qallu stqarrli kien jiktibha.

**PC 754 Nicholas Buttigieg** xehed ukoll permezz ta' affidavit esebit fl-atti[8]. Spjega li nhar it-20 ta' Ottubru, 2021 ghall-habta tal-1..40 waqt li kien xoghol bil-karozza flimkien ma PS 781 Anthony Zammit gew infurmati mill-ghassa tal-pulizija tar-Rabat Ghawdex  biex imorru fil-pjazza tal-Qala fejn kien hemm membri tal- CABS fejn reidu l-assistenza taghhom.

Huma marru fil-pjazza tal-Qala fejn kien hemm membri tal-CABS li huma John Burrows, Sheila Burrows u Craig Michael Redmond li qalulhom li kien hemm mansab illegali li kien qieghed jigi operat. Huma talbuhom biex isuqu warajhom fejn juruwhom fjn huwa dan il-post. Haduhom fi Triq tac- Cawl limiti tal-Wardija gewwa l-Qala u indikawlhom fejn ezatt kien jinsab il-mansab. Huwa flimkien ma PC 781 marru fuq dan il-mansab u tal-CABS qadu jistennew fit-truiq hdejn il-karozza taghhom. Kif waslu fuq dan il-mansab li kien armat marru fid-dura li fiha kien hemm Micky Cutajar u an gie msitoqsi biex jipprovdi l-lienzja tal-insib u l-permess fejn dan qalilhom mill-ewwel li ma kellu xejn. Hemmhekk Micky gie avzat li l-ghaafar u l-apparat tal-insib ser jkun konfiskat. Minn fuq dan is-sit gew kkonfiskati x-xibka, il-lasti, hames ghasafar tac-curkett ghaxar ghasafar bla curkett. Fuq dan is-sit kien hemm hames ghasafar tac-curkett u ghaxar ghasafar bla curkett. Kien hemm hames ghasafar ohra tat tahrik fejn ma kellhomx criket u gew mitluqa fuq il-post, dawn l-ghaafar tat tahrik kienu zewg Sponsuni, Verdun, Gojjin u Ekru.

[8] Fol. 41 ta' l-atti

Micky gie mitlub biex imur l-ghassa tar-Rabat fejn inghata id-drittijiet tieghu u tkellem ma l-avukat tieghu. Huwa ghazel li ma iwegibx ghad-domandi li gie mistqosi. Mickey gie moghti l-ircevuti tal-ghasafar li ttiehdu kif ukoll tal-lasti u x-xbiek.

Membri tal-WBRU Cassie Grech u Karl Cauchi marru l-ghassa tar-Rabat fejn qalulhom li l-ghaxar ghasafar ta' bla curkett jigiu mitluqa u Verdun wiehed mill-hames l-ghasafar li kellhom ic-curkett jinghata lura lil Mickey Cutjar ghax kien kif suppost. L-erbgha ghasafar l-ohra li kellhom curkett ittiehdu minn dawn il-membri tal-WBRU biex jivverifikaw dawn ic-criket. Huwa esebixxa kopja tar ra[pp[ort flim,kien mal-affidavit tieghu li gie markat bhala dok DOK 1 u kopja tar-ritratti ta' l-ghaxar ghasafar li kienu bla curkett enumerati bhala Dok 2 sa Dok 11 rispettivament.

In kontro ezami ighid nhar id-19 ta' April, 2022 u kkonferma li kien mar fuq il-post flimkien ma PC 781 fuq ir-rapport tal-CABS u kien sab lil Mickey Cutajar f'kamra kif kien gie indikat lilu mill-membri tal-CABS. Ikkonferma li kien fuq il-mobile f'kamra u mhux fid-dura. Mistoqsijekk jiftakarx il-kontenut ta din il-kamra jghid li le. Qal li huwa minnu li l-appellant stqarr maghhom dak il-hin stess li huwa breeder ta l;-ghasafar Ma jafx li kien hemm xi affarijeti konnessi mal ibbredjar tal;-ghaafar. Persuni ohra salv l-appellant fuq il-post ma rax. Jghid li l-investigazzjoni fuq il-vettura li kien fil-vicinanzi saret min PS 820.Jghid li kien prezenti meta telqu xi ghaafar li kienhemmdawk li kienu jintuazaw ghat tahrik Dawk ma kienux rringjati. Decoys fuq il-post sabu hamsa tat-tahrik biss, ohrajn ma kienx hemm. Jaqbel uloll li l-ghasafar Sponsuni, Gojjin, Verdun u l-Ekru kienu kollha irringjati. Jghid li kienu anke infurmaw lid-dipartiment li marru l-ghassa meta huma hadu l-ghasafar hemm

Rat l-affidavit ta' **PC 781 Anthony Zammit** prezentat fl-atti u markat bhal dok C.[9] Jghid li nhar it-30 ta' Ottubru 2021 ghal habta ta 11.40 huwa flimkien ma PC 754 Bugeja kienu xoghol patrol bil-karozza u gew infurmati mill-ghassa tal-pulizija tar-Rabat li kien hemm membri tal CABS li kienu qedin jistennewhom gewwa l-pjazza tal Qala minhabba xi mansab illegali. Minnufih marru il-pjazza tal Qala fejn hemmhekk kien hemm John Burrows, Sheila Burrows u Craig Michael Redmond li huma membri tal

[9] FOl. 58 tal-atti

ABS fejn qalulhom saebix isuqu wara l-vettura taghhom sabiex juruhom l-post fejn kien hemm mansab illegali. Dawn l-sitess mmembri ta-CABS saqu ghal Triq tac-Cawl limiti tal Wardija gewwa -Qala Ghawdex u indikawlhom liema kien dan il-mansab.

Tal CABS qadu jinstennewhom fit-triq u huwa flimkien ma PC 754 imxew ghal dan il-mandab fejn kif waslu sabu lil Mickey Cutajar gewwa d-dura u kellu l-mansab armat. Meta gie msitqsi ghal permessi u llicenznzja qalilhom li m'ghandux xejn. Hemmhekk Mickey Cutajar gie infirmat li kienu ser jigu konfiskati l-ghasafar li kellu kif ukoll l-apparat tal-insib. Minn fuq il-post gew konfiskati x-xibka u l-lasti. Gew ukoll konsfiskati hmistax-il ghasfur u hamsa minnhom kienu bic-crieket u ghaxra bla curkett fejn dawn gew mitluqa fuq il-post. Dawn l-ghasafar tat-tahrik kienu tnejn Sponsuni, Verdun, Gojjina u Ekru.

Mickey gie avzat ukoll sabiex jmur l-ghassa tar Rabat fejn war ali gie mghtoi id-drittijeti tieghu u kkonsulta ma l-0avuakt tieghu ghazel li ma iwiegeb ghal ebda domanda. Huwa inghata ukoll l-ircevuti ta ghasafar li ittijhdulu mill-pulizija kif ukoll tal-lasti u tax-xbiek. Membri tal WBRU Cassia Grecg u Karl Cauchi gw imsejha l-ghassa ir Rabat sabiex jiehdu hsieb l-ghasafar skond il-procedura. Huwa iddecidew li l-ghaxar ghasafar li kienu bla curkett jigu released u Verdun wiehed mill-hames ghasafar li kienu bic-curkett jinghata lura lil Mickey Cutajar peress li kien curkett validu tal WBRU. L-erbgha ghasafar l-ohra tac-curkett ittiehdu mill-istess membri tal WBRU sabiex jivverifikaw swwa iccrieket taghhom.

Ma dan l-affidavit huwa pprezenta kopja tar-rapport markati bhala dok 1, kopja tal-ircevuti tal-affarijiet li ittihdu lil Mickey Cutajar markati bhala dok 2, ta' l-erbgha ghasafar li hadu lil memri tal- WBRU markat bhala dok 3 u ohra tal Verdun li kien bic-curkett sewwa li inghata lura lil Mickey Cutajar marmat bhal dok 4. Hawn ukoll ritratt tax-xbiek u l-lasti u ta l-ghasafar. Ritratt ta' l-ghasafar li kienu bla curkett dok  u dok 7. Ritratt tal-mansab markat bhala dok 8 u Dok 9. Ritratt tal-lasti u tax-xbiek markati bhala dok 10 u dok 11. Ritratt tal-ghasafar tat-tahrik markat gewwa cirku iswed li huma markati bhjala dok 12,u dok 13, dok 14 u dok 15 . rat ukoll id-dok Sg konsistenti f'ritratti u filmati .

In kontro esami nhar il-5 ta' Dicembru, 2021 jghid li huwa minnu li meta wasal fuq il-post fuq ir-rapport tal -CABS ma sabux lil Mickey jonsob u kien fuq il-mowbajl f'kamra normali. Muri ir-ritratti dok AB01 jghid li dik hija l-kamra fejn instab Mickey dakinhar. Jghid ukoll li dakinahr Mickey qalilhom li kien breeder jibbridja l-ghasafar

Rat ix-xhieda ta' **Karl Cauchi** moghtija viva voce u spjega li nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 il-pulizija ta' Ghawdex ghall-habta tas-2.00p.m infurmat lil Enforcement Section tal Wild Birds Regulation Unit li kienu ghadhom kif gew sekwestrati xi ghasafar tal-ghana u li dawn kienu qed jinzammu l-ghassa tar-Rabat. F'dal-hin infurmatu kollega u flimkien maghha marru l-ghassa tar- Rabat ghall-habta tat-3.00p.m ta' l-istess jum biex jaraw jekk dawn l-ghasafar kienux fil-pusess legali tal-akkuzat jew le. Hawnhekk hadu d-dettalji.

Mistqosi kif ikun jaf jekk l-akkzuat kellux l-pusess legali jghid li l-ghasafar tal-ghana huma protetti b'regolament erbgha u ghalhekk biex izommhom iridu ikunu jew captive breed  u ghalhekk irid ikollhom ic-curkett maghluq tad-daqs it-tajjeb jew inkella jkollhom l R16U jigifieri ghasfur tal-ghana jkun qabad fl-ahhar staqun tal-insib tradizzjonali kif jafuh huma fis-sena 2016 jew 2017 u jkollhom ic-curkett single use li jkun twahhal ma saqajn u dak jiddistingwi ghasfur minn iehor jigifieri ghasfur li nqabad fis-ena 2016 kien permess li jinqabad u jinzamm.

Meta marru l-ghassa hadu d-dettalji tal-ghasafar fil-pusess ta' Mickey Cassar u ghamlu elenku li kien hemm hmistax il-ghasfur tal-ghana, kien hemm seba' Ekri, tlett Sponsuni, tlett Gojjin , Verdun u Apparell. Dawn huma kollha protetti b'regolament erbgha tal LS 549.42 u minn dawk sabu li ghaxar ghasafar minn dawn kienu minghajr curkett u ghalhekk dawn gew mehlusa mill-ghasssa tar Rabat stess dakinhar stess u dan skond dak li tpprovdi regolament 13.3 tal ligi sussidjarja stess. Sabu ukoll li kien hemm Verdun li kellu curkett R16U u dak inghat alura lill-akkuzat f'dik il-gurnata. Dan kien inqabad meta kien permess fis-sena 2016. Kien ghad fadal erbgha ghasafar ohra tnejn minnhom kienu Apparell u tnejn ohra Sponsun u Ekru li kellhom curkett maghluq u dawn ittiehdu l-ufficcju tal-Wild Birds Regulation Unit. Il-kwistyjoniu jekk curkett ikunx maghluq jew le jiddistingwi l-ghasfur jekk ikunx in captive breed jew tas-salvagg.  F dan il-kaz spjega li c-curkett li kien fuq l-Isponsun kien ta' daqs tajjeb u

ghalhekk inghata lill-pulizija biex jigi ritornat lil sidu pero fir- rigward tac-curkett li instab fuq it-tlett ghasafar l-ohra li ukoll kienu Sponsuni ic-curkrtt ma kirnx ta' daqs tajjeb u ghalhekk tnehhew u wara gew imtajra.

Minn ricerka li ghamel fl-ufficcju tal- WBRU sab li l-akkuzat ma kelux licenzja generali ghall insib tal-ghasafar u ghalhekk ma setghax jinhariglu licenzja specjali biex jippartecipa fi progett ta' ricerka tal-ghana u lanqas licenzja specjali ghal Pluvieri jew Malvizz. Fl-isfond ta dan kollu l-qorti kellha taghti is-entenza taghha skond it-tielt proviso tar regulation 27(3). Ikkonferma ukoll li l-mansab li sab ma kienx registrat mal WBRU. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie markat bhala Dok KC2. Ir-ricerka li ghamel kienet dwar is-sena 2021 ghall-istagun tal-harifa Ottubru, Novembru u Dicembru. Id-deroga li kien hemm kienet tkopri iz-zmien minn l-20 ta' Otturbu 2021 sal-20 ta' Dicembru, 2021 u din kienet ghall-ghasafar tal-ghana u tal-insib. Ghal ghasafar tal- Melviez kienet mill-20 ta Ottubru, sal-31 ta Dicembru 2021 u tal-Pluvieri mill 1 ta' Novembru ,2021 sal-10 ta' Jannar, 2022 izda l-istagun tal-Pluvieri kien ghalaq ftit qabel peress li kienet intlaqghet il-kwota xi erbat ijiem qabel. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala l-istess persuna li kien mar l-ghassa waqt l-ispezzjoni tieghu tal-ghasafar.

In kontro ezami ighid li meta gew mehlusa l-ghasafar waqt li kien ghadu l-ghassa kien hemm pezenti memri tal-pulizija, membri tal WBRU Cassie Grech mieghu. Misoqsi jek tarux meta gw mehlusa jghid li ma jiftakarx.

**Sheila Burrows** xehdet bil-lingwa Ingliza nhar l-4 ta' Lulju 2022 u spjegat li nhar it-30 ta' Ottubru , 2021 kienu -l Qala u kienu qed ifittxu ghal mansab u insib illegali u raw mansab illegali mhux registrat Maghha kien hemm Craig Redmond Raw manab fi Triq il- Wardija u kien hemm xbieki u persuna fid-dura. Kienu bil-wieqfa il-fuq mis-sit izda minn fejn kienu setghu josservaw jekk kienx hemm xbieki. Il fuq mid-dura kien hemm Mitsubishi Pajero ta kulur blu bin-numru ta registrazzjoni DAU 162. Raw li kien hemm eprsuna fid-dura bix-xbikei hergin mid-dura . Zewghha John Burrows qaghad fil-akrozza u ma kienx maghhom u cempel lill-pulizija. Huma ma setghu jgharfu lil hadd fid-dura salv li kien ragel. Il-pulizija waslu ftit wara. Flimkien mal-pulizja marru lejn il-mansab fi Triq tac- Cawl. Hemmhekk sabu ir-rgel li kien qed jonsob' he was actively

trappiing'. Il-pulizija qabdu x-xbieki ul-lasti u madwar hmsitax-il ghasfur li kienu fil-gaggeg. Qalet li huma ma marrux fil-mansab qaghdu ftit distanti minnhom Dawn l-affarijiet il-pulizija gabuhom mill-mansab li kienet indikatilhom qabel. Tiftakar li l-pulizija qalul;ha li kienu ser jiehdu l-ghasafar l-ghassa u jigu imtajra minn hemm. Ikkonferma li hija qatt ma rat ir-ragel li kien hemm mill-vicin u ghalhekk ma setghet tgharaf lil hadd.

**Craig Redmond** xehed bil-lingwa Ingliza nhar l-4 ta' Lulju 2022 u kkonferma li nahr it-30 ta' Ottubru, 2021 kien mal-kollegi tieghu tal- CABS certu John u Sheila Burrows il Qala Ghawdex. Raw li kien hem mansab li ma kienx registrat u raw li kien hemm xbieki u ghasafar u persuna gewwa d-dura. Jghid li ma setghax jidentifika l-persuna li kien hemm fil-mansab Ra persuna iddur fid-dura u quddiem id-dura kien hemm ix-xbieki u l-ghasafar. Kien hemm Jeep kulur blu ipparkjat ma genb id-dura u ghal habta tal-11.50a.m John Borrows cempel lill-pulizija u dawn waslu malajr. Akkompanjaw lill-pulizija lejn is-sit u marru proprju hdejn id-durafejn ir-ragel kien ghadu gewwa. Wara xi ghoxrin minuta l-pulizija marru lura lejhom u kellhom maghhom xi hmistax-il ghasfur fil-gaggeg kif ukoll xbieki u lasti u qalulu li ir-ragel kien qed jonsob fis-sit meta waslu huma. Qal li huwa zamm id-distanza tieghu ma marx fuq is-sit ma genb id-dura. Originarjament meta raw id-dura setghu jaraw li kien hemm ragel qed jonsob. Fl-ebda hin ma mar hdejn id-dura. Qal li kienu nizlu fi Triq ic- Cawl. Ikkonferma li mieghu kien hemm John u Sheila Borrows.

**John Burrows** xehed bil-lingwa Ingliza nhar is-7 ta' Frar 2023 u qal li nahr it-30 ta Ottubru, 2021 kin qd isuq karozza tal-kiri flimkien mal-mara tieghu Sheia Burows u hanin Craig Redmond Osservaw manab minn Triq il Wardija. Huwa pparkja il-akrozza u Sheila u Craig nizlu minnha beix joservaw dak li kien ghaddej. Irritornaw lura lejh u qalulu li kien hemm eprsuna li kient qed tonsob li kellu ix-xbieki. Harsu lejn ir-records li pprovdulhom l-WMRU li l-mansab ma kienx registrat u ghalhekk cempel lill-pulizija fil-11.50 a.m Il-pulizija waslu ftit minuti wara u iltaqghu maghhom fil-aprti ta fuq ta triq ic Cawl. Saqu l-isfel u l-pulizija marru lejn il-mansab. Wara xi ghoxrin minuta l-pulizija irrtornaw b'hmsitax-I ghasfur gewwa gaggeg uy ahduhom maghhom. Jghid li ma jgharafx min kien qed jonsob. Ikkonferma li minn meta ra l-

persuna mad-dura sakemm waslu l-pulizija ma ra lil hadd hiereg mid-dura. Kien hemm vettura Pajero  blu ipparkjat fil-vicin.

**Cassie Sciberras Grech** xehdet nhar il-5 ta' Dicembru, 2023 u kkonfermat li tahdem l-WBRU. Qalet li kienet hi flimkien ma kollega taghha li kienu iccekjaw jekk l-mansab kienx registrat, jekk l-imputat kellux licenzji biex jonsob u jikkacca u biex tesamina l-ghasafar involuti.  Qalet li nhar it-30 ta' Ottubru, 2021 il-pulizija tar Rabat kienu cempluha fuq il-mowbajl tax-xoghol u qalulha li kellhom xi ghasafar li kienu gabru minn fuq xi mansab u riedu l-assistenza taghhom sabeix ikunu jistghu jgharfu l-ghasafar u jaraw ic-criket ta' dawn l-ghasafar biex jaraw humiex fil-pusesss tal-persuna fit-tajjeb jew fil-hazin u biex jiccekjaw dwar licenzji ghax il-persuna kien inqabad jonsob. Fuq il-mansab ma marritx izda marret l-ghassa u l-pulizija qalulha li l-ghasafar kienu ta' Mickey Cutajar li kien qed jonsob. Meta kient fil-bitha tal-ghaafar u tajru l-ghasafar kien hemm xi tlett pulizija maghha Qalet li l-ghasafar li kienu bla criket intelqu mill-ewwel Qalet li skond il-ligi biex ghasfur ikun ghandu il-privat irid ikollu jew RIGU split ring jew closed ring u dan ifiser li l-ghasfur ikun caprtive breed. Dawn ir RIGU hargu fius-snin 2016/2017 mill MBRU u meta bniedem kien johrog jonsob u jaqbad ghasfur kien jitwahhal il RIGU biex turi li gie mis-salvagg. Minn jibbredja ghasfur irid ikollu closed ring tad daqs ta l-ispeci. Gha;heklk anke minn jibbredja irid ikollu ic-curkett. Dakinhar infethu l-gajetti u taru xi ghaxar ghasfur. Kien hemm ghasfur li kien ilbes R16 deher genwin u dan inghata lura lil sidu. Kien hemm erba' ghasafar li kellhom *closed ring* pero makellhomx fuqhom biex ikejlu ic-curket u ghalhekk haduhom maghhom l-ufficcju tal-WBRU biex ikejlu c-curkett. Wiehed minnhom kellu *closed ring* tad daqs tajjeb u ghalhekk gie ritornat lil sidu pero it-tlieta l-ohra ma kellhomx d-daqs tajjeb. Qalet li huma jghaddu l-ghasafar lill-pulizija u huma l-pulizija li ghandhom il-kuntatt ma Mickey Cutajar. Lill-akkuzat tgharfu ghalix dakinhar il-pulizija cemplului bie ximur l-ghassa biex jigbor l-ghasfur li kien tajjeb u gharfitu ghax kienet ghadha hemm meta wasal l-ghassa. Mistoqsija jekk tarux l-ghasafar meta fethu l-gabjetti tghid li sa fejn tiftakar hi taru ghaliex kieku kienet tohodhom ghal rehab u m'ghandhiex notament li kien sar hekk.

Ikkunsidrat.

Illi jinghad illi l-appellant qed isostni fit0tini aggravju tieghu li dak kollu li huwa qal lill-pulizija meta kienu fuq is-sit fi Triq Wardija ma hux ammissibli bhala prova ghaliex meta gie mitkellem mill-pulizija l-akkuzat ma inghatax id-dritt li l-avukat tieghu jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Din l-eccezzjoni ngiebet fid-dawl ta' interpretazzjoni tad-decizjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-Qrati ta' Malta u fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-artikoli 355AT u 355AUA tal-Kodici Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017, liema artikoli rrendew applikabbli d-dispozizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014. Saret referenza ghall-artikolu 355AUA(8)(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqra:

'*(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta'regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):*

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*'

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[10], liema Att dahal fis-sehh fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016).

l-appellant ghandu ragun li din il-qorti ghandha tiskarta dak kollu li l-appellant qal lill-puliizja meta kein fuq il-post u allura anke li hu breeder ghaliex in effetti ma kienx inghata id-drittijiet tieghu in linea ma dak li jiddisponi l-ligi u cioe fil-bidu tal-investigazjoni. Jirrizulta li l-appellant inghata id-drittijiet legali tieghu biss meta wasal

[10] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

l-ghassa tal-pulizija u ghalhekk dak kollu li setgha inghad minnu qabel ser jigi skartat. Il-ligi hija cara f dan ir rigward.

L-appellant jissottometti ukoll fir-rikors tal-appell tieghu li dak kolllu li stqar PS 820 Jonathon Vella fir-rigward ta' dak li sehh fuq is-sit gewwa Triq il- Wardija limiti tal Qala meta gie mizmum Mickey Cutajar ghandu jitqies bhala xhieda inammissibli ghaliex hija *reported speech* u cioe irraporta dak li qallulu ufficcjali ohra li kienu marru jinvestigaw ir-rapport tal-CABS .

L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa talartikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> *598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.*
>
> *(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*
>
> *(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.*
>
> *599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija vs Janis Caruana</u>** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

> *21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk: '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*
>
> *22. Fil-fatt fil-kawża '**<u>Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija'</u>** il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk: 'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq lidentita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*
>
> *23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' **<u>Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom</u>**' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130: 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*
>
> *24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt*

*il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi</u>** ġie deċiż is-segwenti :

*Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.*

*Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* ***<u>Subramaniam v. Public Prosecutor</u>*** *fejn insibu dan il-kliem:*

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not Page 19 of 34 the truth of the*

*statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.*

*Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ '**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'** (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.*

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:' Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. **Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti**[11].' (1*

[11] Enfasi ta din l Onorabbli Qorti

*t'April 2011 '**<u>Il-Pulizija versus Fabio Schembri</u>'** preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*

Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella</u>**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-hearsay evidence ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar –

> *Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.*

Illi ghalhekk ix-xhieda li inghatat minn dan l-ufficcjal ghandha tghaddi minn lenti iehor sabeix tigi emnuta u cioe tara jekk dak li intqal minnu giex korrobroat bi provi ohra in sotern ta dak li intqal minnu. Tali xhieda ma tistax tittihed in isolation izda ghandha tigi esamianta fid-dawl ta provi ohra cirkotanzjali ukoll sabiex il-qorti tkun tista tara jekk hemmx korroborazzjoni f'dak li intqal minnu.

Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.

Fil-kaz Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. [...] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et** moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-imputat stante' illi il-provi cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive."*

Ghalhekk ix-xhieda moghtija minn dan ix-xhud ma hiex ser tigi skartata izda ser tigi esaminata u misthoqqa fid-dawl tal-provi l-ohra imresqa mill-prosekuzzjoni u mill-kontro esamijiet li saru mid-difiza.

Jinghad ukoll in linea prelimianri li din il-qorti ma hiex ser taghti widen ghal filmat li gie esebit mill-prosekuzzjoni u dan ghaleix l-awtur tieghu ma xehdx f dawn il-proceduri u ghalhekk tali prova ma hiex the best evidence u ghalhekk ser jigi skartat in toto.

Fil-mertu l-appellant jistqarr li ma giex provat li in effetti huwa kien qed jonsob b'mod attivu ghalhekk ma messux instab hati ta l-ewwel, ir-raba il-hames u is-sebgha u t-tmien akkuza.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Il-gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li flopinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.20 Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ufficcjal tal-pulizija PS 754 Ni9cholas Bugeja li mar fuq is-sit biex jinvestiga ir-rapport tal-CABS ftit wara li dahal ghandhom jghid b'mod car li fuq is-sit kien hemm mansab li kien armat dan hu indizzju car li kien qed isisr l-insib Minn fuq il-post l-ites ufficcjal ighid li gew kofiskati ix-xibka, il-lasti hames ghasafar bic-curkett, ghaxar ghasafar bla curkett. Apparti hames ghasafar ohra tat tahrik fejn ma kellhomx criket. Din ix-xhieda hi konferamta u korrobroata minn PC 781 Anthony Zammit li kien fil-kumpanija tieghu. Dan kollu huwa indikattiv li kien hemm insib attiv ghaddej. L-appelalnt jistqarr li ma kienx ghaddej bl-insib attiv ghalix fil-mument meta gie imwaqqaf mill-pulizija kien fuq it-telefon f'kamra u mhux f'dura. Illi dan il-fatt ghalkmm jsita jkun minnu ma jfissirx li ma kienx ghaddej insib ghaliex l-mansab li instab kien armat. Ifisser biss li f'dak il-hin li nizlu l-pulizija fl-ghalqa l-appellant kien fuq it-telefon fil-kamra forsi jghamel xi kikkra te. Zgur pero li tali prova ma teliminax il-prova li kien hemm mansab armat fuq il-lok. Il-0qorti titaqsi x'kien qed ighamel

mansab armat jekk mhux ghal skop ta' insib. Il-membri tal CABS u cioe Sheila Burrowas u Craig Redmond ukoll xehdu u kkonferma li raw mansab haj u persuna fil-lok li in segwitu irrizulta li kien l-appellant u jghidu ukoll li mill-hin li kienu fuq il-post akemm gew il-pulizija ma raw lil hadd jitlaq minn fuq il-lok salv ghall-appellant li kien fil-kumpanija tal-pulizija. Fuq il-lok kienhemm diversi attrezzaturi li jindiakw it-tinsib fosthom lasti u xbieki u ghasafar decoys.

L-appellant jittenta jghid li hu breeder pero' provi dwar dan ma ressaqx. Jghid li fil-fatt l-ghasafar ma tarux meta l-memri tal WBRU fethulhom l-gabjetti pero' lanqas din l-allegazzjoni ma hi veritiera u dan ghaliex l-membri tal WBRU jghidu li l-ghasafar taru u kieku ma tarux kien ikollhom notament f dan ir-rigward li ma kellhomx. In oltre jghidu li l-fatt li ghasfur ma jtirx jista jkun li ikun darha jghix f'gabjetta zghira u ghalhekk jibza' mill-ftuh. Dan ir ragunament tal-appellant qed jigi rigettat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll mix-xhieda li ta Karl Cauchi li l-mansab li instab fil-post fejn kein l-appellant ma kienx registrat u li l-appellant ma kellux licenzja generarli ghal insib lanqas u dan minkejja li kien hemm dak l-apparat kollu tal-insib li gie elevat u li kien u li ircieva l-ghasafar li kienu skond il-ligi. Jirrizulta li l-ircevuti li hargu l-pulizija ( Dok 2A u Dok 3 A) inghataw lill-appellant u fl-ebda hin ma jghid li dawk l-oggetti tal-insib jew l-ghasafar illegali li instabu fuq is-sit ma kienux tieghu u dan ukoll huwa indikattiv li kien l-appellant li kien qed jonsob.

Illi ghalhekk fid-dawl ta dawn il-provi l-ewwel qorti kienet kjorretta fil-gudizzju taghha dwar is-ejba ta htija t al-imputazzjonijeit kollha.

Dwar il-piena l-appelant jghid li hija wahda eccessiva stante li l-ligi sussidjarja 549.42 u porpju l-artikolu 27 (3) tipprovdi li f'kaz ta htija jehel multa f'kaz ta lewwel darba ta mhux nqas minn hams mitt euro ( €500) izda mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro ( €2,500) kkif ukoll il-konmfiska tal-corpus deicti u ghalhekk ghandu ikun hemm riduzzjoni fil-piena f'kaz ta' htija.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ

**il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Il-Qorti ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt. F'dan il-kaz l-appellant ma instabx hati ta reat wiehed izda ta multiplil reati u ghalhekk l—piena li inghatat zgur li tirrentra fil-parmetri taligi kwotata stss mill-appellant. Il-piena imsemmija fir-regolament 26(3) TAL LS 549.42 tapplika individwalment ghal kul reat u kien biss ghalix l-ewwel qorti tat piena kumulattiva u kumplssiva li inghata din il-multa ghaleix altrimenti zgur li kien jinghata piena aktar harxa. Ghal;hekk dan l-aggravju qed jigi ukoll rigettat u l-piena inflitta konfermata flimkien mal-konfiska tal-0corpus delicti. L_iskwalifika tal-licenzja tal-kacca hija parti mill-piena tassattiva li ghandha tinghata mill-qorti u ghalhekk tali ordni ta skwalifgika qed tigi ukoll konfermata

Fl-ahhar nett u cioe fil-parti ahharija tar-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jitlob f'dan l-istadju tal-proceduri u cioe wara li gie misjub hati mill-ewwl qorti li jkun hemm referenza kostituzzjonali ghaliex fil-fehma tieghu l-piena moghtija hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Kif ukoll ihoss li l-iskwalifika permanenti milli persuna tottjeni l-licenzja fic-cirkostanzi partikolari tal kaz hija wanda esagerata.

Primarjament, din il-Qorti tghid illi f'kazijiet li jinkludu vertenzi ta' natura kostituzzjonali, il-poteri taghha huma limitati bil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:

> *'Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni'*

**Din il-Qorti mhux imsejjha sabiex tiddeciedi fuq jekk hemmx ksur ta' drittijiet tal-akkuzat hi stess u lanqas m'hi kompetenti sabiex taghmel dan.** Ghalhekk kull ma trid taghmel din il-Qorti hu li tiddetermina jekk fil-fhema taghha tali talba hix *frivola* jew vessatorja. Jekk din il-Qorti hi tal-fhema illi tali talba hija *prima facie frivola* jew *vessatorja,* allura ghandha tichad it-talba tal-akkuzat. Madankollu, jekk din il-Qorti hija tal-fhema illi t-talba mressqa *prima facie* mhux *frivola* jew *vessatorja,* allura ghandha taccetta t-talba tal-akkuzat u sussegwentament tordna referenza kostituzzjonali.

Is-sentenza fl-ismijiet **'Alan Mifsud et versus L-Avukat Ġenerali et'**, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'"frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet*

*sollevata mingħajr raġunijiet sufficjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

Illi jinghad li l-piena moghtija mill-ewwel qorti hija wahda li taqa' fil-aprametri tal-ligi u anzi konsiderando li l-appellant instab hati ta sitt akkuzi u mhux wahda l-piena imposta ma hiex wahda esagerata. Dwar il-kwistjoni tal-iskwalifika tal-licenzji ghall-kacca moghtija mill-ewwel qorti u konermata minn din il-qorti din hija wahda tassttiva. Pero l-artikolu 30 (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tipprovdi li:-

(2) Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant,liċenza, permess jewawtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tiksebxi warrant,liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talbata' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanzaoħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Avukat Ġeneral jew lill-Pulizijafil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-AvukatĠenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissajew tiċħad it-talba:

Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, matistax tiġi milqugħa talba oħra fuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda

Illi ghalhekk l-appellant ghandu via ohra x'jesercita qabel ma jitlob referenza Kostituzzjonali stante liil-kodici penali jipprovdi ghal varjazzjoni f'tali ordni ta' skwalifika. Gha;lhekk it-talba tal-appellant ghar- referenza Kostituzzjonali f'dan l-isadju hija kemm frivola kif ukoll vessatorja u ghalhekk qedgha tigi **michuda .**

Il-Qorti ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward il-mertu kif ukoll fir- rigward il-piena moghitja, il-konfiska tal-*Corpus delicti* esebiti fl-atti u l-Ordni ghas- sospenzjoni tal-licenzji tal-kacca .

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**